# AQRA SEW

**Dan il-pellegrinaġġ huwa organiżżat minn UMTAL għall-Arċidjoċesi ta' Malta. It-titjiriet, transfers u l-akkomodazzjoni bbukkjati mill-aġenti tagħna Britannia Services Ltd u termini u kundizzjonijiet tagħhom japplikaw. Aqra hawn: Britannia booking terms & conditions**

**L-appplikant għandu jiżgura li jtella' d-dokument tal-polza tal-Assikurazzjoni u/ jew dokumenti oħra fi żmien ġimgħa minn meta jirċievi l-email ta' konfirma mingħand UMTAL. Jekk ma jsirx dan l-applikazzjoni tista tiġi rrifjutata.**

**Id-depożitu ta' €400 huwa rifondibbli biss f'kas li l-applikazzjoni ma tiġix aċċetta mill-kumitat ta' UMTAL għal raġunijiet mediċi jew loġistiċi. Id-depożitu jintilef jekk id-dokumenti rikjesti ma jintbaghtux fiż-żmien stabbilit.**

**Hija prerogattiva ta' UMTAL biex tagħżel min jkun jista japplika biex jimla post li jiġi ikkanċellat; dan minħabba in-natura tal-pellegrinaġġ u l-bilanċ li jrid jinżamm bejn in-numru ta' pellegrini, morda u volontiera.**
**F'kas ta' rifużjoniji, dan jitħallas fi żmien ħmistax mid-data ta' r-ritorn f'Malta tal-pellegrinaġġ.**

## TEST MEDIKU:

Hekk kif jgħalqu l-applikazzjonijiet, jiġi maħtur Kumitat Mediku li jsejjaħ għall-intervista lil dawk li jiddikjaraw li huma morda, biex jiddetermina l-kundizzjoni tas-saħħa u jassikura li dik il-persuna tiflaħ ghall-vjaġġ.

L-applikanti jiġu notifikati b'email biex jitħallas l-bilanċ tal-pellegrinaġġ f'data stabbilita. Min jonqos li jħallas sad-data stabbilita (ħlief jekk xi membru ta l-organiżżaturi jkun awtoriżżah jekk ikun hemm il-bżonn) jiġi automatikament maqtugħ mill-lista tal-pellegrini.

## Applikazzjonijiet minn persuni morda jew b'diżabilta':

Persuni morda jew b'diżabilta' għandhom japplikaw billi jagħżlu **Marid/a**. Mal-applikazzjoni għandhom iniżżlu u jipprintjaw iċ-Ċertifikat Mediku sħiħ. Dan għandu jimtela mit-tabib kuranti tagħhom u jitella' f'dan is-sit mhux aktar tard mil-**15 ta' Mejju tas-sena tal-pellegrinaġġ li applikajt għalih.**

## Huwa importanti li kulħadd ikollu E111 card valida.

B'din il-card, bħala ċittadin tal-Unjoni Ewropeja, int għandek id-dritt li tgawdi dawk il-privileġġi fis-settur mediku u tas-sahha li jgawdu ċ-ċittadini ta' dak il-pajjiż li sejjer fih (Franza). Għalhekk jekk int diga' għandek waħda, kun ċert li din hija valida sa mhux inqas minn gimgħatejn wara id-data tar-ritorn lura f'Malta.

## Dokumentazzjoni:

L-applikant huwa responsabbli li jaċċerta ruħu li d-dokumenti li jinħtieġ biex jivvjaġġa huma validi u ma jiskadux qabel jew waqt il-pellegrinaġġ. Kull min jiġi aċċettat għandu jassigura ruħu li għandu (a) Passaport u/jew Karta tal-Identita valida u Card E111 valida. Jekk int mgħandekx xi wieħed minn dawn id-dokumenti, jew xi wieħed jiskadi qabel jew waqt il-pellegrinaġġ, nissuġġerulek li tapplika biex id-dokument jiġi mġedded jew jinħariġlek dokument ġdid. L-organiżżaturi ma jinżammux responsabbli għal xi danni jekk xi passiġġier jiġi rrifjutat milli jsiefer għax xi dokument ikun nieqes jew skadut. L-Għaqda jkollha bżonn kopja tad-dokument f'każ li jinbidel in-numru tiegħu eż. numru ta' passaport ġdid.

## Assikurazzjoni:

L-applikant huwa responsabbli li jaċċerta ruħu li jaqra it-termini u kundizzjonijiet tal-polza ta' l-assikurazzjoni qabel ma jivvjaġġa. Min se jġib il-wheelchair tiegħu personali irid jaċċerta ruħu li jiġi nkluż fil-polza tal-assikurazzjoni.